# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 22**

**Rikors numru 77/16 JZM**

**Nadia Vella**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat u Joseph Camilleri dan tal-aħħar għal kull interess illi jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fil-11 ta' Awissu, 2016 ir-rikorrenti ikkontestat digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Lulju 2016 li ngħataw fil-kawża **Joseph Camilleri v Nadia Vella** (302/2012/AL). Ir-rikorrenti ssostni li dak id-digriet ingħata bi ksur tal-jedd tagħha għal

smigħ xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta). It-talbiet jaqraw:

> *"Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:*
>
> *(i) "fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti senjatament l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall- Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta;*
>
> *"(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi d-dritt fundamentali ta` l-esponenti sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta aktarx ser ikompli jigi miksur;*
>
> *"(iii) konsegwentement taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l- atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal- Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana billi, fost affarijiet ohra, thassar u tannulla d-digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-21 ta` Lulju, 2016 fl-atti tar-rikors mahluf bin- numru: 302/2012/AL fl-ismijiet Joseph Camilleri v. Nadia Vella u tordna li s-smiegh ta` l-istess kawza li ghandha r-rikors mahluf bin- numru: 302/2012/AL fl-ismijiet Joseph Camilleri v. Nadia Vella jigi assenjat lill-Imhallef iehor;*
>
> *"(iv) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu d- danni sofferti mill-esponenti minhabba tali vjolazzjonijiet".*

2. Fit-13 ta' Settembru, 2016 l-Avukat Ġenerali wieġeb (fol.14):

> *"Illi in linea preliminari, jidher li l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li r-rikorrenti ma esawrixitx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha skont il-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors Promotur odjern u dan ai termini tal-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja;*
>
> *"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirribatti li mhux minnu li kien hemm u/jew jista jkun hemm vjolazzjoni tal-*

*"Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tar-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :-*

*"Illi minn ezami tar-Rikors Promutur huwa manifest li l-proceduri intavolati mir-rikorrenti huma intizi biex jissospendu l-proceduri civili pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja) (Ref. 302/2012/AL); liema proceduri jinsabu differiti ghat-23 ta` Novembru, 2016 ghall-kontinwazzjoni fl-istadju tal-gbir tal-provi. Dato ma non concesso li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma fondati, haga li l-esponent qed jikkontesta, xorta wahda ma jsegwix li dan jaghti lok ghan-nuqqas ta` smigh xieraq. Kif tghallimna l-Gurisprudenza nostrana, id-dritt ghas-smigh xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma certi principji procedurali li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha hija kompetenti biss biex tiddeciedi jekk gewx lezi xi drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja u mhux li tirrevedi d-digrieti tal-Qrati l-ohra sabiex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi korrettament o meno1;*

*"Illi inoltrè, l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li fic-cirkostanzi odjerni, li l-Qorti koncernata iddecidiet b`mod skorrett fl-imsemmi Digriet u/jew li imxiet b`xi mod parzjali. Fil-fatt, minn qari tal-imsemmi Digriet tal-21 ta` Lulju, 2016, ma jirrizultax li l-Qorti koncernata ma iddecidietx skont il-ligi wara li ezercitat id-diskrezzjoni taghha b`mod ragjonevoli fl-ambitu tal-gustizzja. Ghandu jinghad li, il-fatt uniku li t-talbiet tal-intimat Joseph Camilleri iltaqghu ma jikkostitwix ksur awtomatiku tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti odjerna;*

*"Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghar-ragunijiet fuq esposti, l-ebda rimedju u/jew danni m`hu dovut lir-rikorrenti stante li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan in kwantu jidher mill-atti processwali in kwistjoni, li kemm il-proceduri per se kif ukoll minn qari tal-imsemmija Digriet Kamerali tal-21 ta` Lulju, 2016, il-Qorti koncernata mexxiet l-imsemmija proceduri b`mod ragjonevoli u skont id-dettami tal-gustizzja. Illi ghaldaqstant ir-rimedju kif mitlub fir-Rikors Promutur, inkluz l-assenjazzjoni tal-kawza lil Imhallef iehor, certament mhux gustifikat, in kwantu tali mizura twaqqaf l-andament normali ta` kawza u twaqqaf l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza jinqata fi zmien ragjonevoli u dan `jista` biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia` mghobbija b`diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fihom f`din is-sentenza`; 2*

*"Illi finalment, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li gew lezi xi drittijiet tar-rikorrenti, haga li l-esponent qed jikkontesta, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta` ksur ghandha tkun sufficjenti".*

3. Permezz ta' tweġiba preżentata fis-7 ta' Ottubru, 2016 l-intimat l-ieħor wieġeb (fol. 21):

*"1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dwar il-mertu jinghad illi t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta mis-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;*

*"2.Illi r-rikorrenti qieghda sfaccatament tittanta tabbuza minn dawn il-proceduri straordinarji u solenni u tuza` l-istess bhala forma t'appell minn diversi digrieti li inghataw mill-Qorti tal-Familja;*

*"3. Illi jinghad illi r-rikorrenti qed tipprova tqarraq u tizvijja lil din l-Onorabbli Qorti fid-dikjarazzjoni tal-fatti li ssottomettiet quddiem l-istess. Effettivament dak li gara huwa li l-esponent intavola zewg rikorsi, l-ewwel wiehed tat-22 ta` Gunju 2016 fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ikun jista` jsiefer mal-minuri ibnu, u l-iehor tal-4 ta` Lulju 2016, fejn bhal kif jaghmel kull sena talab li jizdied l-access tieghu ghall-ibnu fix-xhur tas-Sajf;*

*"4.Illi bhalma jigri prattikament dejjem u kif ormai huwa ben evidenti mill-inkartament voluminuz tal-kawza bin-numru 302/12AL, Nadia Vella ma bdietx tigi notifikata u dan minkejja diversi tentattivi ta` notifika, inkluz fuq il-post tax-xoghol taghha gewwa St Martin`s College fejn hija tahdem bhala ghalliema, qabel spiccat is-sena akkademika u l-ghalliema kienu qed jikkoregu l-karti tal-ezamijiet, waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali Dr Gabrielle Buttigieg u anke waqt is-seduti tal-Qorti tal-Magistrati (Bhala Gudikatura Kriminali) quddiem l-Onor Magistrat Mifsud;*

*"5.Illi jinghad li l-intimata kien ben taf b`dawn iz-zewg rikorsi, tant li kienet spiss iccempel fir-registru tal-Qorti tal-Familja biex ticcekja dwar in-notifiki u anke naqqset milli tidher quddiem il-Magistrat Joseph Mifsud minkejja li kienet innotifikata (tant li l-istess Magistrat sabha anke hatja ta` disprezz u ghal darb`ohra immultaha!). Dan kollu sar biex tahrab min-notifika tar-rikorsi intavolati mill-esponent;*

*"6.Illi stante li z-zmien beda jaghfas u l-esponent kien qed jiccahhad ghal darb`ohra minn ibnu u l-vaganza li kellu ppjanta u anke mhallsa kienet qed toqrob, l-esponent intavola rikors iehor quddiem il-Qorti tal-Familja nhar l-20 ta` Lulju 2016 fejn talabha sabiex tghaddi biex tiddegreta z-zewg rikorsi intavolati minnu fit-22 ta` Gunju 2016 u fl-4 ta` Lulju 2016 bid-dispensa tan-notifika tal-intimata u f`kaz li ma tilqax l-ewwel talba, tawtorizzah jinnotifika lill-avukat ta` Nadia Vella;*

*"7.Illi b`digriet tal-21 ta` Lulju 2016, l-Onorabbli Qorti tal-Familja, anke fl-isfond ta` dak kollu li gara u li wettqet l-intimata f`erba` snin, laqghet it-talba tal-esponent u ghaddiet biex tiddegreta z-zewg rikorsi tieghu fuq*

*imsemmija. Jinghad li tali digriet intbaghat lill-Avukati tal-Partijiet permezz tal-email nhar il-25 ta` Lulju 2016;*

*"8.Illi Nadia Vella li tant kienet taf x`qed jigri u tant kienet qed tahrab in-notifika, propju nhar il-25 ta` Lulju 2016, hija anke ghaddiet biex tipprezenta r-risposti taghha ghaz-zewg rikorsi intavolati mill-esponent u dan minkejja li hija baqghet qatt ma giet formalment innotifikata bl-istess u dan nonostante dak li qed ttenn fir-rikors kostituzzjonali taghha!*

*"9.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b`zieda mal-istess, jinghad illi fir-rigward tal-lezjoni li qed tilmenta minnha r-rikorrenti, jinghad illi l-Qorti tal-Familja dejjem agixxiet fl-ahjar interess tal-minuri u fuq kollox skont dak li rrakkomandaw l-esperti mqabbda minnha. Issir referenza, fost ohra, ghall-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Mizzi v Mary sive Moira Mizzi*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Familja, nhar it-30 ta` Gunju 2015, fejn gie mtenni illi "Rilevanti dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Ingliz f`sentenza fl-ismijiet "Newham London Borough vs AG li kienet qed titratta l-ligi bl-isem The Children Act 1988: "Of course, the words of the statute must be considered, but I do not believe that Parliament intended them to be unduly restrictive when the evidence clearly indicates that a certain course should be taken in order to protect the child".*

*"10.Illi ghalhekk u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, l-esponent jopponi ghat-talbiet kollha mressqa minn Nadia Vella fir-rikors taghha tal-11 t`Awwissu 2016;*

*"11. Illi finalment l-esponent jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni".*

4. B'sentenza tat-30 ta' Mejju, 2019 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha. Il-parti dispożittiva tas-sentenza taqra hekk:

***"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:***

***"Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali.***

***"Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Avukat Generali.***

***"Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Joseph Camilleri.***

***"Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Joseph Camilleri.***

***"Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.***

> ***"Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) mir-rikorrenti, in kwantu ghal hmistax fil-mija (15%) mill-intimat Avukat Generali u in kwantu ghal hmistax fil-mija (15%) mill-intimat Joseph Camilleri"*.**

5. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tar-rikorrenti.

6. Il-fatti prinċipali huma:-

i. L-intimat Joseph Camilleri ppreżenta kawża kontra r-rikorrenti (**Joseph Camilleri v. Nadia Vella** – 302/2012) fejn talab lill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja sabiex:

> *"1. Tordna li l-esponenti ikollu aċċess għall-minuri bi ġranet u ħinijiet inkluż sleepover reġolat favur l-esponent, taħt dawk il-modalitajiet li l-istess Qorti jogħġobha timponi fl-interess suprem tal-istess minuri;*
>
> *"2. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri Eric, fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra u extra kurrikulari, kif ukoll okkazzjonijiet ta' festi pubbliċi u avvenimenti fil-ħajja tal-minuri bħall-ewwel tqarbina u l-Griżma u dan kkollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti".*

ii. Kawża li saret wara li b'deċiżjoni tat-23 ta' Lulju, 2009 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba tal-omm sabiex il-minuri jattendi skola u jgħix f'Malta. Deċiżjoni li biha nbidel ukoll l-aċċess tal-missier għall-minuri.

iii. B’rikors preżentat fit-22 ta’ Ġunju, 2016 l-intimat talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex tawtorizzah japplika għall-passaport għall-minuri Eric Camilleri; tawtorizzah isiefer lill-minuri bejn il-31 ta’ Awissu 2016 u s-7 ta’ Settembru 2016 fl-Italja; tordna lill-uffiċjal ikkonċernat sabiex joħroġ il-passaport għall-minuri; tordna li l-minuri jinġabar mill-missier mir-residenza tar-rikorrenti fit-30 ta’ Awissu 2016 u jirritornah fit-8 ta’ Settembru 2016 billi r-rikorrenti tiġbru mir-residenza tal-intimat.

iv. B’digriet mogħti fit-22 ta’ Ġunju, 2016 il-qorti ordnat in-notifika tar-rikors bi dritt ta’ tweġiba fi żmien ħamest ijiem.

v. L-ewwel tenattiv ta’ notifika sar bil-posta u kien negattiv (riferta tal-15 ta’ Lulju, 2016). Fis-6 ta’ Lulju, 2016 sar tentativ ieħor ta’ notifika tar-rikorrenti fil-Qorti, ukoll mingħajr suċċess.

vi. Fl-4 ta’ Lulju, 2016 l-intimat ippreżenta rikors ieħor fejn fost’affarijiet oħra talab lill-qorti sabiex, *“... b’effett immedjat il-minuri Eric għandu jibda jabita mal-esponent missier, b’aċċess superviżjonat versu l-intimata Nadia Vella u dan fl-aħjar interess tal-minuri bid-dispensa tan-notifika tal-intimata”*. B’digriet li ngħata dakinhar stess, il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikorrenti bi dritt ta’ tweġiba fi żmien ħamest ijiem. L-ewwel tentattiv ta’ notifika fil-qorti fis-6 ta’ Lulju, 2016. Mir-riferta jirriżulta li r-rikorrenti

m'attenditx għal dik is-seduta. Pero` mbagħad ġiet notifikata fil-21 ta' Lulju, 2016 u fil-25 ta' Lulju, 2016 ippreżentat tweġiba.

vii. B'rikors preżentat fl-20 ta' Lulju, 2016 l-intimat talab lill-Qorti sabiex tagħti digriet dwar ir-rikors tat-22 ta' Ġunju, 2016 u tal-4 ta' Lulju, 2016 *'bid-dispensa ta' notifika'* u f'każ li ma tintlaqax it-talba sabiex in-notifika ssir lill-avukat difensur. B'digriet tal-21 ta' Lulju, 2016 il-Qorti laqgħet l-ewwel talba, *".... peress illi l-intimata tul il-kors ta' dawn il-proċeduri, sfidat l-ordnijiet tal-Qorti b'mod ripetut u konsistenti u għamlet minn kollox biex tostakola l-aċċess tal-missier għal ibnu u dan b'detriment kbir għall-istess minuri. Din it-talba għalhekk qiegħda tiġi milqugħa fl-interess suprem tal-minuri"*.

viii. B'digriet ieħor tal-21 ta' Lulju, 2016 l-istess qorti laqgħet it-talbiet magħmula fir-rikors preżentat fit-22 ta' Ġunju, 2016. Hekk ukoll b'digriet ieħor tal-21 ta' Lulju, 2016 laqgħet ir-raba' talba tar-rikors tal-4 ta' Lulju, 2016 li taqra: *"F'każ li l-Qorti ma tilqax l-ewwel talba tar-rikorrent, tordna li għax-xhur tas-Sajf, il-minuri għandu jkun ma' ġenitur għall-ġimgħa u mal-ġenitur l-ieħor għall-ġimgħa li ssegwi, b'dana illi dan l-arranġament jibqa' jalterna minn ġimgħa għall-oħra, b'dan illi għandha tkun l-intimata li twassal lill-minuri għand l-esponent u terġa tiġbru mingħandu fi tmiem l-aċċess"*.

ix. Fil-25 ta' Lulju, 2016 ir-rikorrenti ppreżentat tweġiba għar-rikors tat-22 ta' Ġunju, 2016 u ddikjarat li fil-prinċipju m'għandhiex oġġezzjoni li l-minuri jsiefer ma' missieru. Dakinhar stess ippreżentat tweġiba oħra għar-rikors tal-4 ta' Lulju, 2016 li fiha tat ir-raġunijiet għalfejn il-qorti għandha tiċħad it-talbiet tal-intimat. Dwar iż-żewġ tweġibiet, il-qorti llimitat ruħħa biex tgħid li kienet diġa tat digriet dwar ir-rikors (ara digrieti tas-26 ta' Lulju, 2016).

7. Fis-sentenza oġġett tal-appell, l-ewwel Qorti rraġunat:

> *"Jidher illi bl-istanza taghha r-rikorrenti qeghda tipprova tolqot l-esitu tar-rikors li kien ipprezenta Camilleri fl-4 ta` Lulju 2016, li kien jittratta l-access tal-minuri, u dak tar-rikors ta` Camilleri tal-20 ta` Lulju 2016, fejn stante nuqqas ta` notifika talab lill-Qorti sabiex tghaddi ghal provvediment bid-dispensa ta` notifika. Ir-rikorrenti qeghda tilmenta dwar dak li nkiteb mill-Qorti fid-digriet wara dan ir- rikors u cioe` –*
>
> *"Tilqa l-ewwel talba u dan peress illi l-intimata tul l-kors kollu ta` dawn l-proceduri, sfidat l-ordnijiet tal-Qorti b`mod ripetut u konsistenti u ghamlet minn kollox biex tostakola l-access tal-missier ghal ibnu u dan b`detriment kbir ghall-istess minuri"*
>
> *"Irrizulta li fil-21 ta` Lulju 2016, qabel ma kienet prezentata r-risposta tar-rikorrenti fit-terminu akkordat lilha mill-Qorti stess, il- Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet ir-raba` talba tal-intimat.*
>
> *"Jigi notat li fir-rikors li pprezenta l-intimat kien hemm hames talbiet u li l-Qorti fil-fatt laqghet biss r-raba` talba li bih ordnat li l- access tal-minuri jkun gimgha mal-missier u gimgha mal-omm.*
>
> *"Wara li kienet prezentata r-risposta tar-rikorrenti, il-Qorti b`digriet iehor tas-26 ta` Lulju 2016, qalet :*
>
> *"Tirrileva illi l-Qorti diga ddekretat r-rikors permezz ta` digriet datat 21 ta` Lilju 2016."*
>
> *"Ma jirrizultax illi r-rikorrenti ppruvat tvarja d-digriet li l-Qorti kienet tat dwar l-access anke ghaliex jirrizulta li r-rikors u digriet kienu limitati fiz-zmien. Ghalhekk wiehed jista` jghid li l-effett ta` dak id-digriet waqaf wara li ghaddew x-xhur tas-Sajf.*

*"Sabiex din il-Qorti tkun tista` tiddeciedi jekk l-ilmenti tar-rikorrenti mir-rikorrenti jirrizultax inkella le, hemm bzonn li tqis l-proceduri li ghaddejin quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Kienet prezentata kopja legali tal-process.*

*"Jirrizulta minn dawn l-atti :-*

*"a) Fis-6 ta` Settembru 2013, Camilleri pprezenta rikors fejn billi kien jidher li r-rikorrenti kienet qed tirrifjuta li taghtih access ghat-tifel, talab li jittiehdu proceduri ta` disprezz fil-konfront tar-rikorrenti. Il-Qorti tat dgiret fis-7 ta` Ottubru 2013, wara li r- rikorrenti ghalkemm notifikata ma pprezentatx risposta.*

*"b) Fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2013, sar dan il-verbal :*

*"Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-intimata uriet arroganza kbira, kif ukoll disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti meta qabdet u iddecidiet illi ma tigix il-Qorti illum u iddecidiet ukoll illi dan r-rikors ma kellux jinstema mill-Qorti izda mill-Assistent Gudizzjarju. L- intimata ma pprezentat l-ebda certifikat mediku ikkonfermat bil- gurament minn tabib u ghalhekk ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghall-agir taghha u il-Qorti qeghda issibha hatja ta` disprezz u tikkundannaha multa ta` mitt ewro."*

*"c) Fis-seduti ta` bejn Novembru 2013 u Gunju 2017, hlief ghall-kwistjonijiet li huma mertu ta` din il-kawza, jidher li l-affarijiet mxew regolarment quddiem il-qorti.*

*"d) Fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2017, ir-rikorrenti ma dehritx u l-Qorti rega` sabitha hatja ta` disprezz u ordnat il-hrug ta` mandat ta` akkumpanjament ghas-seduta ta` wara. F`din s-seduta xehed l-Ispettur Matthew Spagnol li pprezenta l-fedina penali tar-rikorrenti. Minn din jirrizulta illi kien hemm sitt rapporti differenti dwar nuqqas ta` access kontra r-rikorrenti. Ippezenta wkoll numru ta` rapporti, sitta u erbghin (46) rapport li saru mill-intimat bejn l-14 ta` Luju 2008 u 30 ta` April 2017 dwar nuqqas ta` access.*

*"e) Ittiehdu proceduri ta` disprezz mir-Registratur tal-Qorti kontra r-rikorrenti wara li l-marixxal ipprova jesegwixxi d-digriet li tat il-Qorti fil-21 ta` Lulju 2016 u dan wara rapport li sar mill-marixxal.*

*"Wara li rat l-atti din il-Qorti, bla tlaqlieq, tiddeplora l-fatt illi z-zewg nahat fil-kawza dawwru l-aktar fatt ghaziz, li twieled mir-relazzjoni burraskuza taghhom, u cioe` binhom Eric litteralment f`balloon, minghajr misthija ta` xejn. Ma fehmu propju xejn x`ifisser fil-fatt u fid-dritt il-principju li qabel kull konsiderazzjoni l-interess tal-minuri jigi l-ewwel u qabel kollox.*

*"Dan premess b`konvinzjoni minn din il-Qorti, id-digrieti li minnhom qeghda tilmenta r-rikorrenti minhabba nuqqas ta` smigh xieraq illum*

*tilfu l-effett taghhom ghar-ragunijiet li diga` kienu spjegati. Ma hemmx ghalhekk aktar riskju ta` pregduizzju ghar- rikorrenti.*

***"A skans ta` ekwivoci, din il-Qorti tirrileva li c-cirkostanzi mertu ta` din il-kawza huma differenti minn dawk tal-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet li qeghda tkun deciza llum ukoll.***

***"Il-mertu ta` l-ilment odjern ma jirrigwardax dawk ic-cirkostanzi specjali li fihom decizjonijiet jew digrieti provvizorji jistghu jigu evalwati fl-ambitu tal-Art 6 tal- Konvenzjoni. Ic-cirkostanzi relattivi ghall-kaz tal-lum m`ghadhomx jissussistu, apparti l-fatt li bhala tali ma kellhomx is-serjeta` jew gravita` daqshekk qawwija li setghu jwasslu ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq bil-kawza quddiem il-qorti l-ohra ghadha ghaddejja. Sabiex tara kienx hemm vjolazzjoni, trid tara l-procediment fit-totalita` tieghu u mhux toqghod fuq episodji singoli.***

***"L-ilment l-iehor tar-rikorrenti relatat mal-kliem li ntuza mill-Imhallef li qeghda tippresjedi l-Qorti tal-Familja li fil-fehma tar-rikorrenti jippregudika l-jedd taghha ghal smigh xieraq u allura qeghda titlob bhala rimedju l-assenjazzjoni tal-kaz lil Imhallef iehor huwa fattwalment u legalment insostenibbli.***

***"Kull Imhallef ghandu l-jedd li jaccerta u jenforza d-dixxiplina tal-process gudizzjarju. Il-fatt li l-Imhallef koncernata dehrilha li kellha tuza l-kliem iebes li wzat biex tassikura l-awtorita` tal-qorti fuq l-imgieba tal-partijiet ma jista` qatt jigi mifhum bhala li jfisser li ghandha bias kontra r-rikorrenti li se jkollu effett prorompenti fuq is-sentenza finali tal-qorti. Il-parzjalita` oggettiva u/jew soggettiva tal-gudikant trid tigi ppruvata b`mod konklussiv fuq l-iskorta ta`fatti ppruvati.***

***"Ir-rikorrenti bbazat ruhha biss fuq ir-rikorsi tat-22 ta` Gunju 2016 u tal-4 ta` Lulju 2016 (u relattivi provvedimenti), minghajr ma ghamlet prova li matul dik il-kawza kien hemm jew seta`kien hemm allegata parzjalita`. Fuq l-iskorta tal-atti tal-kawza pendenti quddiem il-qorti l-ohra, ma tirrizultax il- prova tal-parzjalita` tal-imhallef sedenti. Lanqas il-fatt li r-rikorrenti nstabet hatja ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti ma huwa prova ta` bias da parti tal-gudikant li jqieghed fid-dubju l-legittimita` tal-eventwali decizjoni fil-mertu***"*.*

8. L-ewwel tlett aggravji tar-rikorrenti huma dwar id-digrieti li ngħataw mill-qorti fil-21 ta' Lulju, 2016. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti targumenta li:-

i. Ma taqbilx mal-ewwel Qorti li llum id-digrieti li dwarhom titratta l-kawża, tilfu l-effett tagħhom u għalhekk m'hemmx iktar riskju ta' preġudizzju;

ii. F'kull każ ir-rikorrenti tgawdi mill-jedd ta' smigħ xieraq;

iii. Għad-digrieti japplika l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

9. M'hemmx dubju li d-digriet dwar il-btala fl-Italja, mhu tal-ebda rilevanza iktar. Digriet li bħalu jingħataw *pendente lite* f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-familji. Vjaġġ li kellu jsir bejn il-31 ta' Awissu 2016 u s-7 ta' Settembru, 2016 u li għalih l-intimat kien diġa' xtara l-biljetti tal-vjaġġ. Safra li ma kienet ta' ebda preġudizzju għar-rikorrenti, u li dwarha hi stess iddikjarat li fil-prinċipju ma kellhiex oġġezzjoni li t-tifel isiefer ma' missieru. F'kull każ b'dak id-digriet ġiet determinata materja li kienet tolqot l-interessi tat-tifel. Saħansitra, f'dak li r-rikorrenti qalet li hi traskrizzjoni ta' *recording* ta' konversazzjoni li kellha mat-tifel (fol. 68), tħeġġeġ lit-tifel sabiex jakkumpanja lill-missieru u li kienet ċerta li ser jieħu gost (fol. 68). Li mbagħad fi tweġiba li kienet preżentat fil-25 ta' Lulju, 2016 iddikjarat li t-tifel ser jitlef il-*football training 'kif rakkomandat mill-esperta psikologa Carmen Sammut sabiex il-minuri jsegwi l-passjoni tiegħu'*, hi posizzjoni li minflok isir ġid lill-minuri tagħmel ħsara bla bżonn.

B'dak it-tip ta' atteġġament ir-rikorrenti m'hijiex tagħmel ġid lilha nnifisha u lil binha.

10. Hu minnu li bid-digriet tat-22 ta' Ġunju, 2016 il-Qorti ordnat in-notifika lir-rikorrenti tar-rikors li ppreżenta l-intimat fl-20 ta' Ġunju, 2016 bi dritt ta' tweġiba fi żmien ta' ħamest ijiem. Dritt li tneħħa mill-istess Qorti bid-digriet li tat fil-21 ta' Lulju, 2016. Pero` b'daqshekk ma jistax jingħad li kien hemm ksur ta' smigħ xieraq protett taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, meta tikkonsidra dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti. Dan apparti li għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni wieħed irid jikkonsidra l-proċeduri fl-intier tagħhom u mhux jillimita ruħu għall-inċident li fir-realta` ma kellu l-ebda konsegwenza għad-drittijiet tagħha. Fis-sentenza **Martin Dimech v. Malta** tat-2 ta' April, 2015 il-Qorti Ewropea għat-Drittijiet tal-Bniedem qalet:

> *"43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by* ***examining the proceedings as a whole****,* ***that is, once they have been concluded****. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole,* ***save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole*** *– pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling*

> *should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010)".*

11. Il-Qorti hi tal-fehma wkoll li l-fatt li waqt is-smigħ ta' kawża jingħata digriet mingħajr ma jkun ġie notifikat lill-parti l-oħra ma jfissirx li seħħ ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ir-regola ġenerali għandha tkun li ma tingħatax deċiżjoni fuq talba ta' parti mingħajr il-parti l-oħra tingħata l-opportunita' li twieġeb. Madankollu jaf ikun hemm ċirkostanzi li jkunu jiġġustifikaw li jingħata provvediment mingħajr il-ħtieġa li tinstema' l-parti l-oħra.

12. F'dan il-każ irriżulta li kull ma ried jagħmel il-missier kien li jieħu lill-ibnu għall-btala ta' ġimgħa. L-oġġezzjoni tar-rikorrenti kienet minħabba l-*football training*. Pero` fl-10 ta' Mejju 2016, jiġifieri ftit iktar minn xahar qabel l-intimat ippreżenta r-rikors, ir-rikorrenti ppreżentat rikors (fol. 346) sabiex il-Qorti tagħti provvedimenti intiżi sabiex ikun hemm il-prezenza tal-partner tar-rikorrenti fil-ħajja tat-tifel. Il-pozizzjoni tar-rikorrenti fil-konfront ta' missier naturali tal-minuri għal dak li jirrigwarda l-btala fl-Italja meta paragunat mal-isforzi li qed tagħmel sabiex il-partner tagħha jkun parti fil-ħajja u trobbija tal-minuri, kellu jkun biżżejjed sabiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), li kienet diga' ilha numru ta' snin tisma' l-kawża,

tagħti minnufih digriet finali dwar ir-rikors tal-20 ta' Ġunju, 2016 mingħajr il-ħtieġa ta' notifika tar-rikors.

13. It-tieni digriet li ngħata fil-21 ta' Lulju, 2016 kien dwar it-talba tal-intimat (rikors tal-intimat tal-4 ta' Lulju, 2016) sabiex matul ix-xhur tas-sajf it-tifel ikun jista' jqatta' ġimgħa ma' missieru u ġimgħa ma' ommu. Dan apparti talbiet oħra li saru fl-istess rikors. Hi l-fehma tal-Qorti li kien ikun iktar floku li f'każ bħal dan il-Qorti qabel tagħti d-digriet dwar ir-raba' talba, tordna li għallinqas ir-rikors u digriet jiġu notifikati lill-avukat ta' fiduċja tar-rikorrenti sabiex ikollha l-fehma tar-rikorrenti qabel tagħti digriet finali. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra li b'digriet ukoll tal-4 ta' Lulju, 2016 l-istess qorti ordnat in-notifika tar-rikors lir-rikorrenti bi dritt ta' tweġiba fi żmien ħamest ijiem. F'kull każ wasal iż-żmien li l-leġislatur jirrevedi l-mod kif persuna tiġi notifikata b'rikorsi u atti ġudizzjarji oħra. In-notifika kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 għal dawk it-tip ta' rikorsi, li r-rikorrenti tippretendi li l-intimat kellu jutilizza sabiex jinnotifikaha bir-rikors, ma tagħmilx sens. Proċedura li tfisser ħafna spejjeż u dewmien bla bżonn, iktar u iktar f'kawżi tal-familja li jkunu jolqtu l-interessi tat-tfal u fejn iż-żmien hu tant kruċjali. Illum il-ġurnata jeżistu mezzi oħra, ukoll bl-għajnuna tat-teknoloġija, ta' kif persuna tista' tiġi notifikata. B'hekk il-Qorti tkun f'posizzjoni li tagħti l-ordnijiet li hemm bżonn fl-iqsar żmien possibbli.

14. Fi tweġiba ppreżentata fil-25 ta' Lulju, 2016 ir-rikorrenti ddikjarat li t-talba dwar il-vjaġġ fl-Italja m'hijiex fl-interess tal-minuri, *".... in kwantu ser iċaħduh milli jattendi l-football summer school"* (fol. 99). Materja li *semmai* kienet tolqot direttament lill-minuri (dak iż-żmien kellu diġa' 10 snin) li kien ikollu l-opportunita` li jiddiskutiha ma' missieru. F'kull każ il-konsiderazzjonijiet li diġa saru japplikaw ukoll għal dak li ġara fir-rigward tar-rikors tal-4 ta' Lulju, 2016. Inċident ieħor iżolat dwar rikors għall-provvediment *pendente lite*.

15. B'dik ir-raba' talba ma kinitx ser tispiċċa r-relazzjoni tar-rikorrenti minn ma' binha, f'liema każ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kien ċertament japplika (ara pereżempju s-sentenza **M.D. and others v. Malta** (67491/10) tas-17 ta' Ottubru, 2012). L-effett ta' dik l-ordni kienet biss li temporanjament il-minuri kellu jqatta' ftit iktar ħin ma' missieru matul il-vaganzi tas-sajf.

16. Il-Qorti żżid li n-notifika tar-rikors tal-4 ta' Lulju, 2016, wara li l-ewwel tentattiv ta' notifika kienet negattiva, kellha ssir fis-6 ta' Lulju, 2016 fil-Qorti (quddiem il-perit legali Dr Gabriella Buttigieg) u fid-19 ta' Lulju, 2016 (ir-rikorreti kellha seduta fil-Qorti ta' Għawdex). Madankollu ma saritx għaliex ir-rikorrenti ma tfaċċatx. Ir-rikorrenti xehedet li ma marritx għas-seduti għaliex kienet tqila, iżda ma ppreżentatx ċertifikati mediċi sabiex tiġġustifika l-assenza tagħha. Hu għalhekk evidenti li kien in-

nuqqas tagħha li tattendi għal dawk is-seduti li wassal sabiex ma tkunx notifikata. Dan apparti li l-qorti lanqas ma tista' tifhem kif jekk dak id-digriet *pendente lite* kien daqstant ta' preġudizzju għar-rikorrenti, kif saret taf bid-digriet m'għamlitx minnufih talba għar-revoka tiegħu. Id-digriet li jingħataw *pendente lite* m'humiex finali u f'kull ħin waqt is-smigħ ta' kawża jistgħu jitħassru jew ikunu varjati mill-istess Qorti li tkun tathom.

17. Magħmula dawn il-konsiderazzjoniet il-Qorti tikkonkludi li bid-digrieti li ngħataw fil-21 ta' Lulju, 2016 fir-rigward tar-rikorsi fuq imsemmija, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma ddeterminatx dritt ċivili tar-rikorrenti skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

18. Hu veru li fl-istess rikors tal-4 ta' Lulju, 2016 kien hemm talba sabiex it-tifel jintbagħat jgħix mal-intimat, *"..... b'aċċess superviżjonat versu l-intimata Nadia Vella u dan fl-aħjar interess tal-minuri bid-dispensa tan-notifika tal-intimata"*. Madankollu s'issa, kważi erba' snin wara, dik it-talba baqgħet mhux degretata. Il-Qorti żżid li d-digriet li tat il-Qorti dwar it-tweġiba li ppreżentat ir-rikorrent fil-25 ta' Lulju, 2016 jista' biss jiftiehem li jolqot ir-raba' talba tar-rikors tal-4 ta' Lulju, 2016 u mhux it-talbiet l-oħra. Għalhekk żgur li fir-rigward tat-talbiet l-oħra tal-imsemmi rikors, il-posizzjoni tar-rikorrenti m'hijiex preġudikata.

19. L-aħħar aggravju tar-rikorrenti hu li l-ġudikant m'hijiex imparzjali. Il-qorti m'hemmx għalfejn toqgħod issemmi l-ġurisprudenza f'dan ir-rigward, li diġa saret riferenza għaliha mill-ewwel Qorti. Waqt it-trattazzjoni li saret quddiem l-ewwel Qorti, id-difensur tar-rikorrenti l-iktar li għamel enfażi kien fuq dan l-ilment. Jidher li l-ilment hu bażat fuq dak li ntqal fid-digriet tal-21 ta' Lulju, 2016 (fol. 135), ċioe` li:-

> *"..... l-intimata tul il-kors kollu ta' dawn il-proċeduri,* ***sfidat l-ordnijiet tal-Qorti b'mod ripetut u konsistenti u għamlet minn kollox biex tostakola l-aċċess tal-missier għal ibnu*** *u dan b'detriment kbir għall-istess minuri".*

20. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-mod kif iddeċidiet il-qorti dwar ir-rikors tal-intimat tal-20 ta' Lulju, 2016, li wassal lill-qorti biex tagħti digriet fuq ir-rikors tal-20 ta' Ġunju, 2016 u tal-4 ta' Lulju, 2016 mingħajr ir-rikorrenti tkun notifikata. Madankollu, hi l-ġudikant li qiegħda tisma' l-kawża li hi fl-aħjar posizzjoni li tesprimi ruħha dwar l-atteġġament tal-partijiet fil-kors tal-kawża. Kawża li ilha pendenti mis-sena 2012 u għalhekk il-ġudikant altru milli għandha *first hand experience* ta' dak li għaddej fil-kawża. Mill-atti tal-kawża 302/2012 jirriżulta pereżempju kif fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2013 ir-rikorrenti nstabet ħatja ta' disprezz tal-qorti peress li naqset milli tattendi għas-seduta. Fit-8 ta' Novembru, 2013 l-intimat ingħata aċċess għall-ibnu wara l-intervent tal-uffiċjali eżekuttivi (ara riferta a fol. 396 u deposizzjoni ta' marixxal John Micallef a fol. 417). Imbagħad b'digriet tal-1 ta' Ottubru, 2015 (fol. 345) il-qorti wissiet lir-rikorrenti li, *".... f'każ illi tibqa' tostakola l-aċċess tal-missier*

*għall-minuri ser ikollha tiffaċċja konsegwenzi tal-aġir tagħha li jammonta għal disprezz fil-konfront tal-awtorita' tal-Qorti"* (fol. 345). Saħansitra wara d-digriet tal-21 ta' Lulju 2016, fit-23 ta' Awissu, 2016 seħħ inċident ieħor meta għal darb'oħra kellhom jintervjenu l-uffiċjali eżekuttivi tal-qorti u l-pulizija sabiex l-intimat ikollu aċċess għal ibnu. Sussegwentement b'digriet mogħti fl-24 ta' Awissu, 2016 il-qorti ordnat li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra r-rikorrenti, ommha u l-avukat tagħha. Dan apparti n-numru mhux żgħir ta' rapporti li l-intimat għamel mal-pulizija minħabba li ma jkunx ingħata aċċess għall-ibnu (fol. 408 *et seq*). Dawn l-episodji jindikaw proprju dak li semmiet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-digriet li tat fil-21 ta' Lulju, 2016 (fol. 135). Saħansitra, f'sentenza tal-10 ta' Mejju, 2016 **Il-Pulizija v. Joseph Camilleri**, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kkummentat hekk dwar l-atteġġament tar-rikorrenti:

> *"Din il-Qorti fil-fatt tfisser dak kollu li wassal għal dan il-każ bħala riżultat ta' pika żejda; pika immatura li ma tixraq lill-ebda ġenitur. F'dan il-każ din il-Qorti kienet tippretendi istruzzjoni aħjar minn l-avukati tal-parte civile, u mhux iħallu lill-parte civili timmanipulah u tmexxih minn idejh biex twasslu fejn trid hi. **Il-parte civile mhux l-ewwel darba li dehret quddiem din il-Qorti b'avukati differenti fejn kienet akkużata li ma tatx aċċess lill-imputat**".*

21. Il-fatt li fid-digriet tal-21 ta' Lulju, 2016 il-qorti għamlet dak il-kumment ma jfissirx li l-ġudikant m'għadhiex imparzjali jew li għandha *bias* kontra r-rikorrenti. Dan apparti li f'każ ta' din ix-xorta ser jittieħdu deċiżjonijiet li jolqtu prinċipalment l-interess tal-minuri u l-qorti ma wriet l-

ebda sens ta' preġudizzju meta ġiet biex tagħti provvedimenti pendente lite li jolqtu l-interessi tiegħu.

22. Hu veru li l-meritu tal-kawża titratta dwar l-aċċess tal-missier għall-minuri. Madankollu bid-digriet tal-21 ta' Lulju, 2016 il-Qorti ma ddeċidiet l-ebda talba dwar il-meritu tal-kawża.

23. Il-qorti żżid li m'għandux ikun li parti tippretendi li għandha xi jedd li tiddeċiedi liema ordnijiet tal-Qorti għandha ssegwi jew ma ssegwix. L-ordnijiet tal-Qrati għandhom jiġu segwiti minn kull parti u min jagħżel it-triq tal-isfida ma jistax wara jippretendi li l-Qorti toqgħod siekta qiesu xejn mhu xejn. Il-Qorti għandha d-dmir li tiżgura li l-partijiet, huma min huma, jobdu l-ordnijiet tagħha u għandha kull dritt twissihom fejn ikunu qegħdin jonqsu. B'daqshekk ma jfissirx li l-ġudikant qiegħda żżomm ma' waħda mill-partijiet jew li hi ppreġudikata kontra xi ħadd minnhom. Dak li qalet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-digriet tal-21 ta' Lulju, 2016 hu stat ta' fatt.

24. Il-partijiet f'kawża ta' din ix-xorta jridu jifhmu li manuvri sabiex jiġu evitati ordnijiet tal-Qorti dwar minuri m'humiex ser jiġu ttollerati, iktar u iktar meta hu d-dmir tal-Qorti li f'kull ħin tissalvagwardja l-aħjar interess tal-minuri. Min ma jridx joqgħod għal dawk l-ordnijiet għandu jiffaċċja l-konsegwenzi.

25. Il-Qorti żżid li l-opinjoni tar-rikorrenti dwar l-allegat nuqqas ta' imparzjalita`, għalkemm rilevanti m'hijiex deċiżiva. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-ewwel Qorti, u oġġettivament l-ilment tar-rikorrent m'huwiex ġustifikat.

**Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi l-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm